**Kemm se teqred!**

Tibdili minn filgħodu
Tqarrax wiċċek għal kull xejn,
Tibda' tmarraddni sewwa
Dan kollu ma nafx għalfejn.

Ngħid: "Inkellmu bil-ħlewwa"
Nittama nasal xi mkien",
Imbagħad nieħu tisbita
Għax ma nkun wasalt imkien!

Tgħidli: "Xjaħt, m'għadniex li kont"
F'dak il-każ m'hemmx mod ieħor,
Itfa' naqra kwiet mal-ġenb
Postok jieħdu ħaddieħor.

Aħjar hekk għax inkella
Nitqietlu nibqgħu sejrin,
Imbagħad veru nispiċċaw
F'daqqa waħda għand l-Bambin.

Għax il-qried jherri l-qafas
Tal-familji maqgħudin,
Mhux aħjar kulħadd jagħti
l-ispazzju għax marsusin?

U mela ejja f'dil-ħajja
Ejjew ngħadduha fis-sliem,
Għax nibqgħu neqirdu
Għalina jasal it-tmiem!

U mbgħad x'jibqa' għajr togħma
Morra kemm jista' ikun,
Ibla' ilsienek kun ħelu
Hekk familja għandha tkun!

Patri Mario Attard OFM Cap
25 ta' Marzu 2021

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.